# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-22 ta' Frar, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 10/2017 SM**

**re Appell Numru 158/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Paul Borg Olivier**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-referenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata t-22 ta' Lulju, 2016, li sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi permezz ta' verbal datat is-6 ta' Lulju, 2016, l-appellat intavola referenza kostituzzjonali rigwardanti l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu ghall-liberta` tal-espressjoni *stante* li l-azzjoni kriminali ghar-reat ta' malafama kif kontemplat fl-artiklu 11 tal-Att dwar l-Istampa qieghed jitmexxa *ex ufficio* mill-Istat u mhux mill-privat, (ara foll 325 Appell Kriminali 158/2016);

1.2. Illi in vista tal-kwezit fuq indikat, il-qorti kolpita bl-istess, senjatament il-Qorti tal-Appell Kriminali, hi obbligata tirreferi l-istess kwezit lill-qorti odjerna;

1.3. Illi l-istess qorti tat-tieni istanza fuq riferita essenzjalment issottolineat is-segwenti:

1.3.1. Illi bl-appell intavolat fil-konfront tal-appellat Borg Olivier gie lez id-dritt tieghu ghall-liberta` tal-espressjoni kif sancit fil-Kostituzzjoni ta' Malta (minn issa 'l quddiem il-Kostituzzjoni), u mill-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, (minn issa 'l quddiem il-Konvenzjoni);

1.3.2. Illi l-istess appellat hemm sosstna li l-azzjoni fuq riferita taht il-Ligi tal-Istampa tispetta lill-privat u mhux lill-Istat;

1.3.3. Illi *stante* li meta gie intavolat l-appell in dizamina l-parti privata ma wriet l-ebda interess biex titkompla l-azzjoni hemm tentata, l-Avukat Generali ma kellux jintervjeni hu minflok il-privat involut biex jintavola l-lanjanzi tieghu fil-konfront tad-decizjoni moghtija in prim' istanza;

1.4. Illi l-istess qorti referenti ssottolineat ukoll is-segwenti:

1.4.1. Illi mill-okkju tas-sentenza in dizamina datata s-16 ta' Marzu, 2016, (ara foll 303 Appell Nru. 158/2016), jirrizulta li l-azzjoni kriminali in dizamina hi "...wahda tal-privat...", (ara foll 2 tal-procedura odjerna);

1.4.2. Illi pero` l-istess qorti referenti tosserva wkoll li mit-tahrika li tat bidu ghall-procedura kriminali in kwistjoni u l-atti l-ohra sussegwenti kien "... jirrizulta bic-car illi din l-azzjoni penali tmexxiet 'l quddiem mill-Pulizija *ex officio* u mhux mill-privat", (ara foll 2 tal-procedura odjerna);

1.4.3. Illi mal-imsemmija akkuza l-appellat kien ukoll gie rinfaccat bir-reat ta' ingurja gravi *ai termini* tal-artiklu 25, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li pero` ma kien intavolat l-ebda appell fir-rigward;

1.5. Illi d-dritt ghall-liberta` tal-espressjoni hu sancit mill-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u jista' biss jigi cirkoskritt fit-termini tas-sub-inciz 2 tal-istess artiklu;

1.6. Illi l-appellat isosstni li l-ebda cirkostanza hemm elenkata ma tezisti, u konsegwentement, l-Istat ma kellux ghalfejn jintervjeni biex b'hekk jistultifika l-liberta` tal-espressjoni tal-appellat;

1.7. Illi l-intervent in dizamina seta' jkun biss dak tal-privat biex b'hekk jissalvagwarda l-interessi tieghu – haga li ghazel li ma jaghmilx;

1.8. Illi l-qorti referenti fuq indikata tirrileva fir-rigward is-segwenti:

1.8.1. Illi fl-appell in dizamina l-Istat qed jintervjeni fi sfera rizervata ghall-parti privata;

1.8.2. Illi ghalhekk m'hemm xejn x'jiggustifika l-imsemmi intervent fl-interess tas-socjeta` in generali;

1.9. Illi ghalhekk ikkonstatat is-segwenti:

1.9.1. Illi l-lanjanza sollevata mill-appellat mhix frivola u vessatorja;

1.9.2. Illi jrid jigi ezaminat jekk l-azzjoni ezercitata mill-Avukat Generali, (senjatament l-appell odjern minnhu intavolat), hux necessarju f'socjeta`

demokratika intiz biex jigi salvagwardat l-interess pubbliku u mhux ukoll l-interess privat;

1.9.3. Illi f'dan ir-rigward l-istess qorti referenti tirreferi ghall-**Castells vs. Spain, 1992, u Prager and Oberschlick vs. Austria, 1995**;

1.10. Illi l-istess qorti referenti ghalhekk qed tressaq il-lanjanza *de quo ai termini* tal-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 10 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 319);

1.11. Illi konsegwentement l-istess qorti referenti tirreferi s-segwenti kwistjonijiet lill-qorti *de quo* biex tezamina li minhabba li ser jigi lez id-dritt tieghu ghall-liberta` tal-espressjoni ghaliex l-azzjoni kriminali ghall-malafama *ai termini* tal-artiklu 11 tal-Att dwar l-Istampa, fl-istadju t'appell, jitmexxa mill-Istat mhux mill-privat, jigi ezaminat:

1.11.1. Jekk l-appellat hux qed isofri minn vjolazzjoni taht l-artiklu 10 tal-Konvenzjoni; u

1.11.2. Jekk l-appellat hux qieghed ukoll ghalhekk isofri minn vjolazzjoni taht l-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni;

2. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 5);

3.0. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali datata z-17 t'April, 2017, li permezz taghha sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghar-referenza fuq riferita, (ara foll 10):

3.1. Illi jikkontesta l-allegazzjonijiet u l-petensjonijiet tal-appellat, u dan, ghar-ragunijiet segwenti:

3.1.1. Illi filwaqt li l-artiklu 10 tal-Konvenzjoni jipprotegi d-dritt ghall-liberta` tal-espressjoni, is-subinciz (2) tieghu jikkontempla l-eccezzjonijiet ghall-istess dritt li allura jirrendi permissibbli deroga ta' l-istess dritt;

3.1.2. Illi ghalhekk id-dritt in dizamina mhux wiehed assolut u ghandu insiti fih certi restrizzjonijiet li jistghu jigu imposti mill-Istat b'mod proporzjonat;

3.1.3. Illi l-Istat igawdi margini ta' apprezzament biex jillimita dan id-dritt;

3.1.4. Illi dawn ir-restrizzjonijiet huma permissibbli meta preskritti mill-ligi u jkunu b'ghan legittimu li jkun necessarju f'socjeta` demokratika;

3.1.5. Illi l-interess li gurnalist jippubblika ahbar ma jehilsux mill-htiega li jivverifika l-istess ahbar, specjalment meta din tista tkun ta' hsara lil haddiehor;

3.1.6. Illi l-kuncett tal-liberta` tal-istampa u tal-espressjoni ghandu jigi kontro-bilancjat mad-dritt tac-cittadin ghall-inkolumita` tieghu, (ara **Verdens Gang and Aase vs. Norway applikazzjoni numru 45710/99**, datata s-**16 t'Ottubru, 2001**;

3.1.7. Illi s-sentenza fuq citata tissottolinea sintetikament is-segwenti:

3.1.7.i. Illi l-artiklu 10 tal-Konvenzjoni ma jiggarantix liberta` ta' espressjoni illimitata;

3.1.7.ii. Illi din il-liberta` iggorr doveri u responsabbiltajiet applikabbli anke fuq il-gurnalisti li mhuwiex fuq il-ligi;

3.1.7.iii. Illi dawn id-doveri u responsabbilitajiet jassumu sinifikat importanti jekk tkun qed tigi attakkata r-reputazzjoni ta' individwi hekk attakkati fejn id-drittijiet ta' terzi jistghu jkunu qed jigu attakkati, anke malizzjozament;

3.1.7.iv. Illi fir-rigward ta' reputazzjoni ta' cittadin l-Istampa trid tagixxi *in buona fede* u taghmel hilitha biex tforni informazzjoni akkurata, preciza u ta' min joqghod fuqha;

3.1.7.v. Illi hu ghalhekk li artiklu ghandu jittrasmetti stejjer ibbazati fuq fatti u mhux fuq impressjonijiet jew kongetturi;

3.1.7.vi. Illi ghalhekk il-fatti ghandhom jigu verifikati biex tigi accettata il-verita`;

3.1.8. Illi dan bl-ebda mod ma jaghmel sarima ma halq l-Istampa biex tirraporta affarijiet t'interess pubbliku;

3.1.9. Illi l-obbligu tal-verifika hu intrinsikament marbut mall-kuncett tal-liberta` tal-Istampa;

3.1.10. Illi d-dritt ghall-liberta` tal-espressjoni jgib mieghu il-htiega ta' restrizzjonijiet kif indikati fl-artiklu 10 tal-Konvenzjoni;

3.1.11. Illi ghalkemm proceduri ta' libell jikkostitwixxu interferenza mill-awtorita` pubblika fid-dritt ghall-liberta` tal-espressjoni, tali interferenza hi gustifikata *stante* li saret fil-parametri tar-restrizzjonijiet permissibbli mill-Konvenzjoni;

3.1.12. Illi d-dritt t'appell fil-kawza in dizamina jispetta lill-intimat odjern, u dan, kif provdut fl-artiklu 48 tal-Att dwar l-Istampa u fl-artiklu 413 (1) tal-Kodici Kriminali;

3.1.13. Illi l-istess intromissjoni indikata fil-paragrafu precedenti hi wkoll riflessjoni tal-htiega tal-istess fl-interess ta' socjeta` demokratika u dan, a bazi ta' principji stabbiliti fil-gurisprudenza, kemm lokali u Ewropeja, (ara foll 12);

3.1.14. Illi l-fatt li l-appell gie intavolat mill-Avukat Generali bl-ebda mod ma jivvjola d-drittijiet fundamentali ta' individwu;

3.1.15. Illi minflok, hu d-dmir tal-istess Avukat Generali li fl-interess pubbliku li qieghed iservi, meta jikkonsidra li decizjoni ta' qorti timmerita appell a bazi tal-artiklu 48 tal-Kap 248 u l-artiklu 413 (1) tal-Kap 9 fuq gia` riferiti, (ara paragrafu numru tlieta punt wiehed punt tnax, (3.1.12.), aktar qabel), jintavola tali appell;

3.1.16. Illi *di piu`* l-artikli indikati fil-paragrafu precedenti jinkwadraw fl-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 10 tal-Konvenzjoni;

3.1.17. Illi jirrizulta prematur li wiehed jindirizza l-proporzjonalita` tas-sanzjoni in dizamina *stante* li f'dan l-istadju wiehed ghadu ma jafx x'tip ta' sanzjoni tista` tigi indikata;

3.1.18. Illi *di piu`*, l-Qorti ta' Strasburgu ghadha qatt ma irriteniet b'mod assolut li sanzjonijiet kriminali jilledu d-drittijiet garantiti fl-artiklu 10 tal-Konvenzjoni, (ara foll 12);

3.1.19. Illi in vista tal-premess, ma jirrizulta li hemm l-ebda ksur tal-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 10 tal-Konvenzjoni;

3.1.20. Salv risposti ulterjuri;

3.1.21. Bl-ispejjez kontra l-parti li pprovokat ir-riferenza odjerna;

4.0. Rat in-nota datata t-18 ta' Mejju, 2017, li permezz taghha Dr Paul Borg Olivier sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghar-referenza fuq riferita, (ara foll 17):

4.1. Illi a bazi ta' kwerela sottomessa minn Dr. Emmanuel Mallia u Dr. David Farrugia Sacco hu tressaq il-qorti akkuzat bir-reati ta' ingurja gravi u malafama fil-konfront taghhom;

4.2. Illi fi tmiem l-istess procedura jirrizulta li kien illiberat mill-imsemmija akkuzi, u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata s-16 ta' Marzu, 2016, (ara foll 303 tal-anness process);

4.3. Illi l-Avukat Generali appella mill-imsemmija sentenza, u dan, limitatament fil-konfront tar-reat ta' malafama, (ara foll 314 tal-anness process);

4.4. Illi l-imsemmi appell qieghed jilledi d-dritt tal-liberta` tal-espressjoni kif kontemplat fl-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 10 tal-Konvenzjoni;

4.5. Illi l-allegazzjoni riferita fil-paragrafu precedenti wasslet lill-Qorti tal-Appell Kriminali biex tissottometti referenza kostituzzjonali f'dan ir-rigward, (ara foll 1);

4.6. Illi jigi ribadit li t-talba ghar-referenza in dizamina saret minhabba li qieghed jigi ritenut li permezz tal-appell in dizamina l-Istat qieghed jindahal f'materja li hi strettament privata – senjatament ir-reat ta' malafama, (ara foll 20 u 21);

4.7. Illi *di piu`*, isosstni wkoll li l-azzjoni kriminali originali mehuda mill-Pulizija Ezekuttiva lanqas kienet awtorizzata, (ara foll 21);

4.8. Illi l-intromissjoni tal-Avukat Generali in dizamina ma kienitx intiza biex tilhaq xi skop legittimu ta' natura pubblika kif indikat fl-imsemmija Kostituzzjoni u Konvenzjoni;

4.9. Illi l-interess privat jintlahaq biss meta l-persuni privati involuti jagixxu biex jipproteguh;

4.10. Illi l-azzjoni kif ezercitata mill-Avukat Generali ma kienitx necessarja f'socjeta` demokratika;

4.11. Illi in vista tas-suespost:

4.11.1. L-azzjoni in appell mehuda mill-Avukat Generali ma kienitx in konformita` mal-liberta` tieghu tal-espressjoni;

4.11.2. Illi ghalhekk gew lezi l-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 10 tal-Konvenzjoni fil-konfront tieghu;

5. Rat id-digriet taghha datat it-18 ta' Mejju, 2017, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet infurmaw lill-qorti li ma kellhomx provi x'jipproducu, u fuq talba espressa tal-istess, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-procedura odjerna bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 23);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata s-16 t'Awwissu, 2017, (ara foll 24);

7. Tirrileva li n-nota fuq riferita kienet l-uniku nota hekkipprezentata *ai termini* tad-digriet fuq indikat, (ara paragrafu numru hamsa (5.), aktar qabel);

8. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 31);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghar-referenza kostituzzjonali in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi fit-22 ta' Frar, 2013, il-Pulizija irceviet il-kwerela li tat lok eventwalment anke ghall-procedura odjerna, (ara foll 15 tal-process anness ma dak odjern);

9.2. Illi wara li l-procedura hekk inizzjata hadet il-kors naturali taghha, fl-istadju tal-appell mis-sentenza in prim'istanza, l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet mistiedna tintavola r-referenza fuq indikata;

9.3. Illi essenzjalment l-imsemmija qorti qed titlob direzzjoni kostituzzjonali biex jigi determinat:

9.3.1. Jekk l-appellat hux qed isofri minn vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif kontemplati fl-

artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u fl-artiklu 10 tal-Konvenzjoni; u allura

9.3.2. Jekk id-dritt tieghu ghall-liberta` tal-espressjoni hux qed jigi lez minhabba l-fatt li l-azzjoni kriminali ghar-reat ta' malafama, kif kontemplat fl-artiklu 11 tal-Att dwar l-Istampa qieghed issa jitmexxa mill-Avukat Generali fl-istadju t'appell u mhux mill-privat li originarjament instigah;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni fuq riferit jistipula s-segwenti:

> "(1) Hlief bil-kunsens tieghu stess jew bhala dixxiplina tal-genituri, hadd ma ghandu jigi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta` tieghu ta' espressjoni, maghduda liberta` li jkollu fehmiet minghajr indhil, liberta` li jircievi idejat u taghrif minghajr indhil, liberta` li jikkomunika idejat u taghrif minghajr indhil (kemm jekk il-kommunikazzjoni tkun lill-pubbliku in generali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u liberta` minn indhil dwar il-korrispondenza tieghu";

11. Illi l-artiklu 10 tal-Konvenzjoni fuq riferit jistipula s-segwenti:

> "1. Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta` ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta` li jkollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorita` pubblika u minghajr ma jittiehed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma ghandux jimpedixxi Stati milli jehtiegu licenzi ghax-xandir, televizjoni jew imprizi cinematografici;

> "2. L-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jgib mieghu dmirijiet u responsabbilitajiet, jista' jkun suggett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta` demokratika, fl-interessi tas-sigurta` nazzjonali, integrita` territorjali jew sigurta` pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor, biex

jigi evitat il-kxif ta’ informazzjoni ricevuta b’sigriet, jew biex tigi mizmuma l-awtorita` u l-imparzjalita` tal-gudikatura”;

Ikkunsidrat:

12. Illi essenzjalment l-artikli fuq hawn riprodotti jittutelaw id-dritt fundamentali tal-individwu ghal-liberta` tal-espressjoni;

13. Illi biex il-frazi **“liberta` tal-espressjoni”** tinftiehem ahjar issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem** (minn issa ’l quddiem **Qorti ta’ Strasburgu**), fl-ismijiet **Verdens Gan and Kari Aastad, AASE vs. Norway**, **Applikazzjoni Numru 45710/99** datata s-**16 t’Ottubru**, **2001**, li sosstniet is-segwenti:

> “However, it is to be recalled that Article 10 of the Convention does not guarantee unlimited freedom of expression even for press coverage of matters of serious public concern. Under the terms of paragraph 2 of the Article, the exercise of this freedom carries with it “duties and responsibilities” which also apply to the press. In a number of recent cases concerning restrictions on press freedom (see, for instance, the above mentioned case of **Bergens Tidende and Others v. Norway**, § 53), the Court has pointed out that these “duties and responsabilities” assume significance if the reputation of private individuals is under attack and the “rights of others” may be undermined”;

Ikkunsidrat:

14. Illi jirrizulta palezement assodat li l-principju surriferit kif elenkat fl-artikli fuq riprodotti hu immedjatament cirkoskritt bl-eccezzjonijiet hemm espressament delineati;

15. Illi konsegwenza tal-istess jirrizulta ghalhekk li f’dawk ic-cirkostanzi l-intromissjoni daparti tal-Istat f’dan id-dritt fundamentali tkun wahda kemm legali kif ukoll lecita;

16. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li d-dritt in dizamina mhux wiehed assolut;

17. Illi in effetti, anke fl-interess tas-sovranita` tad-dritt, dan l-istess dritt partikolari in dizamina necessarjament jattira certi restrizzjonijiet li fl-interess tal-istess ikunu wkoll jirrikjedu l-intervent proporzjonat tal-Istat a bazi ta' ragunijiet specifici u debitament sottolineati *ex lege* li jkunu mehtiega fi stat demokratiku;

18. Illi ghalkemm tali bilanc hafna drabi ma jkunx jidher li jkun jista' jintlahaq, pero` l-attwazzjoni tieghu hu essenzjali biex tintlahaq dik il-konvivenza armonjuza li l-att gust biss jista' jottjeni;

Ikkunsidrat:

19. Illi l-akkuzi li bihom giet rinfaccata l-parti li pprovokat ir-referenza in dizamina originarjament inhargu mill-Pulizija Ezekuttiva kemm *ai termini* tal-Att dwar l-Istampa, kif ukoll *ai termini* tal-Kodici Kriminali, (ara foll 1, 4, 6, 11, 71, 72, 75, 77, 84, 89, 92, 101, 102, 106, 107, 108, 117, 119, 124, 125, 133, 143, 144, 145, 147, 148, 149, 151, 181, 185, 187, 190, 244, 245, 246, 247, 248, 249, 258, 261, 283, 284, 285, 286, 300, 301 u 302 tal-process anness ma dak odjern);

20. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-procedura inizjata fil-konfront tal-parti li ipprovakat ir-referenza in dizamina kellha bilfors tittiehed mill-Pulizija Ezekuttiva *ex officio* a bazi tal-kwerela fuq gia` riferita u mhux mill-kwerelanti privatament;

21. Illi konsegwenza logika tal-istess fatt li l-kawza in prim'istanza in dizamina hekk tmexxiet *ex officio*, l-appell rizultanti minn nuqqas ta' sodisfazzjon tal-Pulizija *de quo* wara s-sentenza in prim'istanza, kien jispetta biss u unikament lill-Avukat Generali li qed jirrapprezenta l-ordni pubbliku u ghalhekk is-socjeta` in generali;

Ikkunsidrat:

22. Illi f'dan l-istadju ssir ukoll referenza ghall-artiklu 413 (1) (c) tal-Kodici Kriminali li jistabbilixxi min jista' jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati;

23. Illi f'dan ir-rigward hu stabbilit bi kjarezza li hu l-Avukat Generali li fil-kazijiet l-ohra kollha mhux elenkati fl-istess artiklu 413 (1) fuq riferit, li ghandu d-dritt tal-appell *de quo*;

24. Illi di piu`, issir ukoll referenza ghall-artiklu 48 tal-Kap 248, (il-ligi tal-Istampa), li jistabbilixxi inekwivokabbilment illi d-dritt t'appell minn decizjoni ta' Qorti tal-Magistrati in prim' istanza lill-Qorti tal-Appell Kriminali f'reati formolati f'dak il-livell specifiku tista' tigi inizzjata wkoll mill-istess Avukat Generali, senjatament billi jistipula specifikatament is-segwenti:

> "Kull decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati dwar reat taht dan l-Att tista', fil-kazijiet kollha, tigi appellata mill-Avukat Generali jew mill-kwerelant, skont il-kaz, u mill-parti misjuba hatja";

25. Illi in vista tal-premess jirrizulta ghalhekk pacifiku, li meta fil-procedura in dizamina, l-Avukat Generali ghazel li jintavola l-appell in dizamina li wassal ghar-referenza odjerna, dan agixxa fit-termini statutorjament stabbiliti kif fuq indikat;

26. Illi ghalhekk, il-fatt li l-appell in dizamina gie inoltrat mill-Avukat Generali *ex officio* u mhux mill-parti privata involuta, mhux leziv id-dritt tal-liberta` tal-espressjoni kif sollevat mill-parti li pprovokat ir-referenza in dizamina peress li l-istess azzjoni hekk intrapriza mill-Avukat Generali tirrizulta li kienet konformi mal-413 (1) (c) tal-Kodici Kriminali u mal-artiklu 48 tal-Ligi tal-Istampa kif fuq determinat;

Ikkunsidrat:

27. Illi l-parti li pprovokat ir-referenza in dizamina jilmenta wkoll mill-fatt li fil-procedura kriminali in prim' istanza in dizamina kien inkluz wkoll ir-reat ta' ingurja gravi biex b'hekk l-istess parti hemm akkuzata setghet ghalhekk titressaq quddiem l-istess qorti ta' natura kriminali *ex officio*;

28. Illi kemm -il darba dan ir-reat ma kienx inkluz u l-istess parti kienet minflok titressaq quddiem l-imsemmija qorti biex twiegeb biss ghall-akkuza ta' malafama – allura l-procedura li setghet tigi adottata setghet biss tigi promossa permezz ta' kawza privata u ghalhekk, il-Pulizija Ezekuttiva kienet tigi estromessa;

Ikkunsidrat:

29. Illi ghandu jkun pacifiku li l-kompitu tal-qorti odjerna hu limitat ghal analizi tal-procedura mehuda fil-konfront tal-parti li pprovokat ir-referenza odjerna biex jigi stabbilit jekk fl-istess atti, minhabba l-prezenza tal-Avukat Generali fuq indikata, dan kienx jammonta ghal lezjoni tad-drittijiet fundamentali riferiti mill-istess parti in kwistjoni;

30. Illi jigi sottolineat li mhux il-kompitu tal-qorti odjerna biex tiddeciedi liema mir-reati in kwistjoni kellhom jigu addebitati lill-istess parti fil-proceduri kriminali in dizamina, biex b'hekk jigi stabbilit minn kellu jkun il-protogonista procedurali li jmexxi l-proceduri *de quo* fil-konfront tal-istess parti senjatament, biex jigi sussegwentement determinat jekk il-procedura in kwistjoni kelliex tkun wahda ta' natura privata jew wahda li fiha l-Avukat Generali kellux l-obbligu li jagixxi *ex officio*;

Ikkunsidrat:

31. Illi fil-limiti tal-procedura odjerna jinghad biss li f'kawza inizjata *ex officio* fil-konfront tal-appellat fuq riferit, id-dritt t'appell minn decizjoni in prim' istanza, (Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura), ma jibqax tal-kwerelati li jkunu taw bidu ghall-azzjoni *de quo* izda jitrassforma ruhhu fi dritt t'azzjoni, (appell), fdat f'idejn l-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

32. Illi hu minnu li minn analizi tar-rizultanzi s-sitwazzjoni kif zviluppat tirrizulta li wasslet ghall-azzjoni kriminali in appell fir-rigward ta' reat biss ta' malafama – *stante* li fir-rigward tar-reat ta' ingurja gravi – reat aktar serju – ma sar l-ebda appell;

33. Illi konsegwentement, *nonostante* l-fatt li l-appell kien intavolat mill-Avukat Generali – allura immexxi *ex officio* mill-Istat – dan ma jfissirx li hemm lezjoni tal-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 10 tal-Konvenzjoni;

34. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll assodat minn ezami tal-procedura in dizamina li l-istess proceduri hemm ezaminati tmexxew *ai termini* tal-artiklu 413 (1) (c) tal-Kodici Kriminali, fejn id-dritt t'appell jispetta lill-Avukat Generali, (ara paragrafu numru tlieta u ghoxrin, (23.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

35. Illi f'dan l-istadju jigi sottolineat li meta l-kwerelanti ghazlu li fil-kwerela originali taghhom jinkludu r-reat ta' ingurja gravi kif kontemplat fl-artiklu 251 (1) (3) tal-Kodici Kriminali flimkien mar-reat ta' malafama kif kontemplat fl-artiklu 11 tal-Att dwar l-Istampa, huma abdikaw mid-dritt taghhom ta' appell *stante* li l-proceduri sussegwentement inizzjati ma ttihdux *ai termini* tal-artiklu 374 tal-Kodici Kriminali izda *ai termini* tal-artiklu 375 tal-istess Kodici;

36. Illi konsegwenza tal-istess, il-fatt li azzjoni kriminali in dizamina qeghda titmexxa *ex officio* mill-Avukat Generali mhix leziva d-drittijiet fundamentali indirizzati mill-parti li pprovokat ir-referenza kostituzzjonali odjerna u dan, *stante* li hi l-ligi stess kif fuq indikat, li tikkoncedi tali dritt ta' azzjoni;

Ikkunsidrat:

37.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li fir-rigward tar-referenza in dizamina tiddikjara s-segwenti:

**DECIDE:**

37.1. Illi fl-azzjoni kriminali in dizamina ma gew lezi l-ebda drittijiet fundamentali tal-parti li pprovakat ir-referenza in dizamina u dan, la fil-konfront tal-artiklu 41 tal-Kostituzzjoni u lanqas fil-konfront tal-artiklu 10 tal-Konvenzjoni kif allegat mill-istess parti;

37.2. Tordna ghalhekk li l-atti jergghu jigu rinvijati lill-qorti riferenti biex tipprocedi bis-smigh u bil-konkluzjoni tal-istess procedura minghajr dilungar;

37.3. Bl-ispejjez kontra l-parti li pprovokat l-istess referenza, senjatament Dr. Paul Borg Olivier.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**